MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Numru. 74/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Borg)
vs
Nazzareno sive Reno Buhagiar,
iben Joseph, imwieled Valletta
fit-13 ta' otttubru, 1970

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-25 ta' settembru, 2004 u fil-ġranet ta' qabel fil-Floriana, fil-Belt, Valletta u bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għall-bejgħ, jew impporta għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' DVDs, CDs, etc.;

2. bi qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor ipproduċja jew ikkopja jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex iqassam xi artikolu jew xi ħaġa oħra u cioe' DVDs, CDs, etc., bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u cioe' 'Twentieth Century Fox Film Corporation' u soċjetajiet oħra, li tagħhom is-soċjeta' ta' avukati 'Patrick J. Galea, Advocates', rappresentata minn Dr. Patrick J. Galea LL.D. et hi rappresentnati, protetti bil jew taħt il-liġi ta' Malta;
3. talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta;
il-Qorti ġiet mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni tagħha, f'każ ta' ħtija, tħassar il-liċenzja jew inkella tissospendi tali liċenzja għal xi żmien, hekk kif kontemplat fl-artkolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' frar, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 298(1)(f), 298B(1), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni ta' l-oġġetti kollha eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------